MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1760/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited numru ta' Registrazzjoni tal-Kumpanija C5637 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha Romina Buttigieg I.D. Card No.474273(M)**

**vs**

**Lewis Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2004 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija sebgha u sittin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm367.68) danni sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fl-24 ta' Dicembru 2003 fi Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar, Bugibba,**

**Malta bejn il-vettura BMW 320 bin-numru GAP 368 misjuqa mil-konvenut u propjeta` ta' Josephine Anne Spiteri u dik Renault Clio bin-numru ROM 111 proprjeta` ta' Romina Buttigieg assikurata mas-socjeta` attrici;**
**Dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lill-kumpanija assikurattrici tal-konvenut, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Semgha x-xhieda ta' PS 614 Saviour Garzia**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-11 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm367.68).**
L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra il-kumpanija assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------